



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 207/22

Il-Lussemburgu, 19 ta' Diċembru 2022

Fl-okkażjoni tas-70 anniversarju tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti isem ġdid lil uħud mill-binjiet tagħha

Il-binjiet ikkonċernati issa jismhom Comenius, Montesquieu, Rocca u Thémis, li jevokaw il-valuri protetti mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali



It-Torrijiet A, B u C issa jismhom Comenius, Montesquieu u Rocca.

Fl-okkażjoni tas-70 anniversarju tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tagħti uffiċjalment ismijiet ġodda lill-aħħar partijiet tal-kumplex immobbli tagħha li sal-lum il-ġurnata kienu għadhom magħrufa b'ittri. B'hekk, it-Torrijiet A, B u C u l-Anness C issa jismhom Comenius, Montesquieu, Rocca u Thémis.

Sa mill-istabbiliment tagħha fil-plateau ta' Kirchberg (il-Lussemburgu) fil-bidu tas-snin 70, saru diversi estensjonijiet bil-binjiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan it-tkabbir kien dovut għall-adeżjonijiet suċċessivi ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea u għall-ħolqien, fl-1989, ta' qorti oħra, illum il-Qorti Ġenerali, li attwalment hija komposta minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

L-ewwel inawgurazzjoni ta' bini ddedikat għall-Qorti tal-Ġustizzja kienet dik tal-Palazz oriġinali fl-1973. Minn dak iż-żmien lil hawn, il-binjiet ġew estiżi diversi drabi biż-żieda tal-ewwel tliet estensjonijiet fis-snin 80 u 90, u mbagħad biż-żieda tal-Anell, tal-Gallerija u tat-Torrijiet A u B fl-2008. Il-ħames estensjoni, it-Torri C, ikkompletat il-kumplex arkitettoniku fl-2019 u b'hekk il-membri kollha tal-persunal tal-istituzzjoni setgħu jaħdmu fuq l-istess sit wieħed. Fl-1990, l-Anness A tal-Palazz ingħata l-isem **Erasmus**, li huwa meqjus bħala l-ewwel Ewropew u li kkontribwixxa sabiex jgħaqqad il-kulturi madwar ideali umanisti. Fl-1992, l-Anness B ingħata l-isem **Thomas More**, bil-għan li tiġi onorata l-memorja ta' dan l-umanista Ewropew kbir, filwaqt li titfakkar l-integrità u s-saħħa tal-konvinzjonijiet tiegħu kontra kull ksur tal-libertajiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda llum tkompli b'din it-tradizzjoni li tagħti ismijiet lill-binjiet tagħha li jevokaw il-valuri difiżi minnha, kemm fil-ġurisprudenza tagħha kif ukoll, b'mod iktar ġenerali, bħala istituzzjoni Ewropea. Fi kliem il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Koen Lenaerts, "l-ismijiet magħżula huma maħsuba li jonoraw l-istorja tal-Ewropa jew tal-ġustizzja. Xtaqna wkoll nagħżlu personalitajiet li kienu fost l-ewwel difensuri tal-valuri protetti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, bħalma huma d-demokrazija u l-Istat tad-dritt, l-osservanza tad-diversità, fosthom il-multilingwiżmu, l-ugwaljanza fl-aċċess għall-għarfien u, b'mod iktar ġenerali, l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-ġustizzja soċjali".

It-**Torri A** ngħata l-isem **Comenius**. Filosofo u għalliemi, Jan Amos Komenský, magħruf bħala "Comenius" (1592-1670), kien l-ewwel difensur tal-edukazzjoni universali. Konvint li l-mobbiltà soċjali għall-aħjar kellha tkun ir-riżultat tal-edukazzjoni, u mhux tat-twelid, huwa ġġieled għall-ugwaljanza tal-opportunitajiet u għall-edukazzjoni għal kulħadd, mingħajr kunsiderazzjoni tal-ġid, tar-reliġjon jew tas-sess. Imfakkar bħala missier l-edukazzjoni moderna, Comenius bidel mill-qiegħ ukoll il-metodi ta' taġħlim tal-lingwi u, b'mod partikolari, tal-Latin, il-lingwa tal-għarfien, sabiex jiffavorixxi t-taġħlim tiegħu lill-ikbar numru possibbli ta' nies. Tradotti f'madwar ħmista-x-il lingwa, il-manwali tiegħu kienu, għal iktar minn seklu, il-manwali skolastiċi l-iktar użati fl-Ewropa, u kkontribwixxew għall-firxa tal-multilingwiżmu bħala l-muftieħ tal-għarfien.

Filwaqt li tonora isem Comenius, li dar mal-Ewropa sabiex jippromwovi taġħlim tal-lingwi iktar aċċessibbli u iktar ugwali, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tenfasizza l-valuri tal-multilingwiżmu u tfakkar lil daww kollha li jikkontribwixxu ta' kuljum għad-difiża tal-ġid lingwistiku Ewropew.

It-**Torri B** ingħata l-isem **Montesquieu**. Charles-Louis de Secondat de la Brède, il-baruni ta' Montesquieu (1689-1755), kien avukat, imħallef u kittieb. Il-fama tiegħu hija marbuta max-xogħol tiegħu, *De l'esprit des lois*, ippubblikat fl-1748 wara diversi snin ta' vvjaġġar madwar l-Ewropa li matulhom studja s-sistemi politiċi, l-ekonomija, il-klima, l-istorja u l-morali tal-pajjiżi li żar. Meqjus għalhekk bħala wieħed mill-ewwel prattikanti tad-dritt komparattiv, iżda wkoll bħala prekursor tas-soċjoloġija moderna, Montesquieu ppromwova tqassim ġdid tal-poteri tal-Istat, ibbażat kemm fuq is-separazzjoni taġħhom kif ukoll fuq l-indipendenza taġħhom, bil-għan li jiġi ggarantit il-bilanċ bejniethom. Huwa b'hekk witta l-pedamenti għall-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri, li llum il-ġurnata għadu meqjus bħala l-bażi ta' kull demokrazija.

Bl-għażla ta' Montesquieu, li l-ħsieb tiegħu kkontribwixxa għall-ħolqien tal-prinċipju ta' indipendenza tal-ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tfakkar il-valuri, komuni għall-Istati Membri, li jiddefinixxu l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku awtonomu.

It-**Torri C** issa jismu **Rocca**. Giustina Rocca hija meqjusa bħala l-ewwel avukata fl-istorja. Isimha jibqa' mfakkar fl-istorja minħabba sentenza ta' arbitraġġ mogħtija fit-8 ta' April 1500 fil-kuntest ta' tilwima li l-eżitu tagħha kien tħalla f'idejha. Fil-qorti tal-Gvernatur Venezjan ta' Trani, G. Rocca tat is-sentenza tagħha bil-lingwa vernakulari, minflok bil-Latin skont l-użanzi ta' dak iż-żmien, bil-għan li l-pubbliku preżenti waqt l-għoti tagħha jkun jista' jifhimha. Hija mbagħad sejthet lill-parti telliefa sabiex tħallasha l-onorarji skont l-użanza u b'hekk enfasizzat, fi żmien meta n-nisa la kellhom aċċess għall-edukazzjoni u lanqas għall-prattika tal-liġi, ir-rieda tagħha li tiġi ttrattata b'mod ugwali bħall-irġiel li kellhom tali prerogattivi.

Bl-għoti tal-isem ta' Giustina Rocca lill-ogħla torri tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tfakkar l-importanza li hija tagħti lill-aċċessibbiltà għad-dritt u għall-ġustizzja għal kulħadd u tikkonferma, b'riflessjoni tal-ġurisprudenza tagħha stess, l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza tal-opportunitajiet.

Fl-aħħar nett, l-**Anness C** ingħata l-isem **Thémis**. Bint Uranus u Gaia, li jirrappreżentaw rispettivament is-sema u l-art, Themis hija meqjusa, fil-mitoloġija Griega, bħala l-alla tal-Ġustizzja. Mart Zeus, hija tpoġġi fuq il-lemin tiegħu u, filwaqt li tagħti pariri, tikkontribwixxi għaż-żamma tal-ordni stabbilit. Allegorija tal-Ġustizzja onnipreżenti, Themis hija ġeneralment ippreżentata bl-attributi tagħha, li huma l-miżien u x-xabla, xi drabi b'għata fuq għajnejha bħala sinjal ta' imparzjalità. Il-miżien, simbolu tal-ordni soċjali, tal-ekwilibriju u tal-armonija, jikkuntrasta max-xabla, li tirrappreżenta s-sentenza u l-awtorità ġudizzjarja, u li tagħti, permezz tax-xafra li taqta' minn żewġ naħat u li

għalhekk tista' tissanzjona lil kull parti, saħħa eżekuttiva lid-deċiżjonijiet tagħha. Themis b'hekk saret l-immaġni universali tal-Ġustizzja. L-għażla tal-isem Themis jevoka d-deċiżjoni tal-ewwel Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja, li, ispirati mit-tradizzjonijiet kulturali komuni tagħhom, għażlu, fl-1952, il-miżien u x-xabla ta' Themis bħala l-logo tal-Awtorità Ġudizzjarja tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA).



L-Anness C, mibni fl-1992, jospita lill-Qorti Ġenerali u issa jismu Thémis.

Ġew installati plakek fid-diversi partijiet tal-kumpless immobbli sabiex jindikaw lill-pubbliku l-elementi li wasslu għall-għażla ta' dawn l-ismijiet. Dawn il-plakek inkixfu, fil-preżenza tal-persunal tal-Istituzzjoni, fl-okkażjoni ta' ċerimonja miftuħa b'diskors mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

